# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


## Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 44 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 44(06) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar is-sebgha(7) ta' Jannar 2014 fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar (4.30pm)

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera; Is-Sur Lawrence Attard, is-Sur Alan Cassar u s-Sur Anton Gellel
Is-Segretarju Ezekuttiv; Is-Sinjura Fiona Said

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi attenda ghall-laqgha fil-5.30pm
Il-Kunsillier s-Sur Alan Cassar talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol

## Talba

Il-Laqgha bdiet fl-erbgha u nofs ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-kontinwazzjoni tal-Laqgha numru 44(06).

### 1. Korrispondenza

1.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar il-gbir tal-hgieg bieb bieb kull l-ewwel gimgha tax-xahar u l-kunsill mhu ser johrog ebda fondi. Il-Kunsill approva li jippartecipa f'din l-iskema.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar laqgha li ser ssir dwar taghrif ghall-progetti kapitali. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li jattendi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Anton Gellel.

1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li intbaghtet l-applikazzjoni ghall-Fondi ghall-attivita tal-450 Sena Anniversarju mill-Assedju l-Kbir. Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla jghid li ghal din l-applikazzjoni kellu jigi iffurmat programm kif ukoll stima tal-ispejjez involuti sabiex tigi organizzata din l-attivita.

1.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li bhal ma dejjem sar fis-snin precedenti, intbaghtet l-ittra rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja ghal din is-sena. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li rcieva risposta minghand is-Sur Anthony Amaira mis-Segretarjat tal-Onorevoli Stefan Buontempo fejn qal li l-Kunsill ser ikun qed jinghata l-ghajnuna fejn hu possibli skond kif stipulat fil-ligi.

1.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta korripondenza minghand is-Sur Noel Castillo, Segretarju tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fejn irringrazzja lill-Kunsill ghall-attivita' li giet organizzata fis-sala tal-Kunsill.

1.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand AVEC fejn baghtulna stedina ghall-attivita li ser issir f'April 2015. Is-Sindku ppropona lill-iskrivana is-Sinjorina Lindsay Aquilina sabiex tinghata din l-opportunita u tiehu l-ewwel esperjenza fi progetti tal-Unjoni Ewropeja.

1.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta korrispondenza dwar progett bl-isem 'European Rememberance for Citizens 2014-2020 Programme'. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li l-Kunsill ghandu diversi ritratti ta' zmien il-Gwerra, filwaqt li hemm ukoll d-DVD 'Birgu- The People, The Journey' u l-ktieb Survivors. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li l-Kunsill applika ghal dan il-progett.

1.8 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li ircieva stedina ohra minghand l-AVEC ghall-Lulju 2015. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li dwar dan ma jiehdux decizjoni minhabba l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali.

1.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta korrispondenza dwar student taljan li jigi t-tifel ta' wiehed mill-membri tal-Kunsill ta' Amalfi fejn talbu li tinghatalu esperjenza fl-ufficini tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

1.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill dwar l-ittra li nkitbet lill-Onorevoli Joe Mizzi dwar id-dawl mill-mahzen ta' Bormla lejn il-Birgu fejn kien qed ikun ta' spiss mitfi. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li wara li intbaghtet din l-ittra jidher li din il-problema ssolviet u issa d-dawl qed ikun mixghul.

1.11 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li kienet intbaghtet korripondenza lis-Sur Soler rigward is-servizz tal-Gwardjani Lokali fil-lokalita' tal-Birgu fejn il-Kunsill mhux qed jigi la nfurmat u lanqas ikkonsultat.

1.12 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li kienet intbaghtet korrispondenza lis-Sur Joe Attard tal-Green MT dwar il-kuntrattur li jbattal l-iskips tal-hgieg dwar telefonata li s-Sindku kellu dwar dan l-istess kuntrattur.

1.13 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill dwar Ittra li rcieva minghand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex is-sitwazzjoni tal-*Financial Statements* ghas-sena 2013 li ma gewx prezentati fil-hin ma tergax tirrepeti ruhha. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said spjegat li issa hemm kollox lest biex tinghalaq is-sena finanzjarja 2014 u jigu pprezentati l-*Financial Statements* ghas-sena 2014.

1.14 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill sistema ta' application li tigi installata fuq il-mobile phones li turi l-lokazzjonijiet tal-postijiet ta' nteress fil-Birgu taht forma ta' GPS. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem bniedem tekniku sabiex jaghti spjegazzjoni ahjar ta' x'tinvolvi din is-sistema.

1.15 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li intbaghtet l-invoice tal-parmess ta' scaffolding lill-Heritage Malta izda il-Kunsill ghadu ma rceviex lura il-hlas dovut lilu.

1.16 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li jibda jinghata tifkira b'kuruna lil dawk in-nies li jkunu inghataw 'Gieh il-Birgu' u li jhallu din id-dinja. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.17 Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lis-Sur Lawrence Attard sabiex jitkellem fuq il-progett LEAP u dan minhabba li kien attenda l-laqgha. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard spjega li kien gie innominat biex ikun rapprezentant fil-progett tal-Gvern LEAP li se jkun qe jghin lill-persuni li ghandhom problemi socjali.

1.18 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta korrispondenza minghand l-Ufficjal Ezekuttiv is-Sinjura Lara Mascena, fejn talbet sabiex jigi mgedded il-leave taghha ghas-sena 2014 (21.5 siegha). Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li tigi tliet nofs ta' nhari fil-perjodu ta' Jannar u Frar sabiex tassisti lill-iskrivana is-Sinjorina Lindsay Aquilina fil-*filing* li hemm akkumulat.

***F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Vici-Sindku is-Sur Trevor Mizzi (fil-5.30pm).***

1.19 Is-Sindku pprezenta korrispondenza minghand is-Sinjura Moira Azzopardi rigward it-trasferiment ta' 47 siegha leave ghas-sena 2014. Il-Kunsill approva unanimament.

1.20 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjonijiet ghall-railing fil-bitha tal-Berga ta' Franza. Il-Kunsill approva unanimament li tinghazel l-orhos offerta, dik tas-Sur Amabile Galea.

1.21 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta kwotazzjoni minghand is-Sur Frankie Jenkins dwar tqeghid tal-madum fil-bitha tal-Berga ta' Franza. Il-Kunsill approva unanimament il-kwotazzjoni tas-Sur Frankie Jenkins ghall-prezz ta' €300.

1.22 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta kwotazzjoni sabiex isir il-bieb tal-istore fis-sular t'isfel tal-Berga ta' Franza. Il-Kunsill approva li tinghazel l-orhos kwotazzjoni.

## 2. Approvazzjoni ta' kontijiet pendenti u materji finanzjarji

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' Pagamenti sas- 7 ta' Jannar 2015.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti pprezentata, ssekondat mill-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi. Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti.

## 3. Ristrutturazzjoni tal-istaff klerikali

3.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li rigward id-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien avvicinat l-istaff tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinjura Moira Azzopardi accetat li tokkupa din il-kariga f'kaz li tkun maghzula. Izda l-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi ukoll lis-Sinjura Lara Mascena jekk hiex interessata. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said qalet li se ticcekja mad-Dipartiment jekk id-Deputat Segretarju Ezekuttiv jistax jinhatar mill-istaff tal-Kunsill u tikkomunika iktar il-quddiem ir-risposta li tinghata.

3.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li s-Sinjura Moira Azzopardi minn Skala 14 titla ghall-Skala 13. Il-Kunsill qabel li johrog is-Sejha interna ghall-Ufficjal Ezekuttiv.

3.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li wara li gie diskuss f'laqgha precedenti li s-Sinjorina Lindsay Aquilina tinqaleb ghall-skrivana full-time fuq skala 15 b'effet mit-22 ta' Dicembru 2014. Il-Kunsill approva unanimament.

3.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li s-Sinjorina Lindsay Aquilina tibda tassisti lis-Sinjura Moira Azzopardi fil-progetti tal-Unjoni Ewropeja wara li tirritorna lura mill-maternity leave is-Sinjura Lara Mascena. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-istaff tal-Kunsill.

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Appraisals tal-impjegati tal-Kunsill.

4.2 Wara diskussjoni dwar l-operat tal-impjegati tal-Kunsill, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-performance Bonus jinghata kif imnizzel hawn taht:-

- Is-Sinjura Moira Azzopardi tinghata 5%
- Is-Sinjura Lara Mascena tinghata 5%
- Is-Sinjorina Lindsay Aquilina tinghata 5%
- Is-Sur Daniel Gafa jinghata 4%
- Is-Sinjorina Graziabelle Cassar tinghata 3%

4.3 Il-Kunsill approva unanimament il-proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall rigward il-performance Bonus tal-impjegati ghas-sena 2014.

## 5. Rendikont tal-attivitajiet tal-Milied

5.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rendikont tal-party tal-Milied li gie organizzat lit-tfal tal-Birgu.

5.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li il-Kunsill kien ghamel profitt ta' €1719 u li ser ikunu qed ikopru l-ispejjez li l-Kunsill hareg ghall-kalendarju u id-DVD li tqassmu f'kull dar.

Il-Laqgha giet fi tmiema fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7.30pm)

____________________ ____________________

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfemati
John Boxall
Sindku